**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Ottubru, 2019

Rikors Nru : 91/17 AL

**A B**
**Vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mill-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-26 ta' Lulju 2008 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom żewġt itfal ċioe, D, li twieled fit-28 ta' Ġunju 2011 (Dok. B) u E li twieled fit-30 ta' Awwissu 2013 (Dok. C) u għalhekk illum iż-żewġt itfal għandhom tlett snin u ħames snin rispettivament;
2. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser minħabba sevizzi, theddid u inġurji oħra da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur hekk kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawza;
3. Illi l-konvenuta ggradwat mill-Universita` ta' Malta b'Baċellart fil-Management u wara ż-żwieġ kienet taħdem ma' ditta finanzjarja. Madanakollu ftit wara li twieled it-tifel minuri, D, hi

waqfet taħdem għaliex riedet illi toqgħod id-dar sabiex tieħu ħsieb lit-tifel minuri, D, hi waqfet taħdem għaliex riedet tieħu ħsieb lit-tifel minuri. Minkejja li hi kienet tkun id-dar, meta kien jirritorna mid-dar wara ġurnata xogħol l-esponent kien isib id-dar fi stat dizastruza u maħmuġa.

4. Illi minkejja li hija orġinarjament telqet mid-dinja tax-xogħol sabiex tindokra lit-tfal minuri tal-partijiet, riċentement il-konvenuta bdiet tattendi mill-ġdid l-Universita` ta' Malta u qegħda fil-fatt isegwi kors fil-Kummerc. Dan mhuwiex qiegħed isir sabiex tkun finanzjarjament indipendenti minn żewgha kif tallega, primarjament għaliex hi diġa kienet hekk indipendenti. Hi qegħda issegwi dan il-kors sabiex tevita li taħdem u tkun ta' piz fuq ta' madwarha.
5. Illi ma kienx possibbli illi jintlaħaq ftehim bonarju ta' separazzjoni u dan minħabba l-intransiġenza tal-konvenuta;
6. Illi l-attur ġie debitament awtorizzat illi jippreżenta kawza ta' separazzjoni kontra martu b'digriet f'dan is-sens mogħti minn dina l-Qorti tal-24 ta' Frar 2017 (Dok. D);

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex tilqa` t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba tiegħu għas-separazzjoni magħmula f'din il-kawza għandha minflok titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju;

Il-Qorti rat in-nota ta' ċessjoni tal-attur tad-9 ta' Ottubru, 2019 li permezz tagħha ċeda t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat ħlief għall-ewwel talba u dana peress li seduta stante intalbet il-konverżjoni tal-ewwel talba minn talba għal separazzjoni personali għal dik ta' ħall taż-żwieġ;

Il-Qorti rat li waqt is-seduta l-qorti laqgħet it-talba u kkonvertiet l-ewwel talba għal talba għall-ħall taż-żwieġ;

Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, wara li rat ukoll l-artikolu 66B tal-kap 16, rat illi r-rikorrenti ssodisfa r-rekwiziti kollha rikjesti mill-liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn erba` snin ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma

hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u dana peress illi l-partijiet laħqu ftehim u ġie ppublikat kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem  millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.